MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru. 1004/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Ruben Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Ruben Farrugia ta’ 45 sena/ bin Alphonse u Carmen nee’ Pace, imwieled Pieta’ fl;- 4 t’ Awwissu, 1969 u residenti fil-fond numru 33 Merci Dieu, Triq

Tax-Xemx u l-Qamar Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 389169M.

Akkuzat talli fis-16 ta’ Settembru 2014 ghal habta ta’ 1pm u/jew hinijiet wara fi Triq Wesghat il-Vittmi tal-Gwerra Hal-Luqa u/jew f’ dawn il-gzejjer:

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni BQZ 662 ghad-dannu ta’ Mario Gauci tal-Kumpanija Burmarrad Commercials u/jew ta’ persuni ohra, u/jew entitajiet/kumpaniji ohra liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro izda izjed minn mitejn u hamsin ewro.

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel lil Robert Bonavia minn h’ Attard u lil Jesmar (Jesus Mary) Mifsud mis-Swieqi ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ ohra fil-Kodici kriminali, jew jekk kont ipprovokat ingurja b’ mod li hareg aktar milli jmissu.

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’ xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku,.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi hebb kontra Robert Bonavia minn H’ Attard u lil Jesmar (Jesus Mary) Mifsud mis-Swieqi biex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara kemm –il darba l-fatt ma kienx jaqa’ taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Robert Bonavia minn H’ Attard u lil Jesmar (Jesus Mary) Mifsud mis-Swieqi, u tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 t’ Ottubru 2014 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-28 ta’ Novembru, 2014 ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq

sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b’ applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet (3) snin millum u bil-kundizzjoni li sa zmien xahar millum ihallas lill-proprjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BQZ662 is-somma ta’ sitt mitt ewro (€600).

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat Ruben Farrugia b’ obbligazzjoni personali ghal zmien tnax (12) -il xahar millum taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Robert Bonavia u Jesmar Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------